**REGJUN XLOKK**

VALLETTA, BIRGU, ISLA, BORMLA, HAZ-ZABBAR, ZEJTUN, FGURA, FLORIANA, KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, RAHAL GDID, HAL-TARXIEN, XGHAJRA.

# M i n u t i   t a l - L a q g ħ a   N r u . 2 / 2 0 1 0

**Il- laqgħa Nru 2/2010 tal- Ewwel Amministrazzjoni saret nhar it-Tnejn 13 ta' Settembru 2010 fis-6pm fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill Lokali ta' Hal-Tarxien f'73, Triq Santa Marija, Tarxien.**

Data u hin

**Preżenti għal-Laqgħa:**

Attendenza

| | |
|---|---|
| **Kav. Paul Farrugia KLJ CMLJ** | **President** |
| **Is-Sur Joe Attard** | **Vici/President** |
| **Dr Alexei Dingli** | **Sindku Belt Valletta** |
| **Is-Sur Christopher Cassar** | **Sindku Birgu** |
| **Is-Sur Joseph Casha** | **Sindku Isla** |
| **Is-Sur Joseph Scerri** | **Sindku Bormla** |
| **Is-Sur Nigel Holland** | **Sindku Furjana** |
| **Is-Sur Mario Calleja** | **Sindku Marsaskala** |
| **Is-Sur Stephen Caruana** | **Sindku Marsaxlokk** |
| **Is-Sur Tony Valvo** | **Sindku Xghajra** |

**Skuzati**
**Sindku – Kunsill Lokali Fgura**

**Assenti**
**Sindku – Kunsill Lokali Zabbar**
**Sindku – Kunsill Lokali Kalkara**
**Sindku – Kunsill Lokali Marsa**
**Sindku – Kunsill Lokali Rahal Gdid**

**Il-President, l-Kav. P. Farrugia qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

**1.0 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 1/2010 (29/07/2010)**

**1.1** Peress li l-Minuti tal-Laqgħa Numru 1\2010 tas-29 ta' Lulju 2010 ġew iċċirkolati minn qabel, il-President staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija u talab lill-Kumitat jekk kienux korretti.

**1.2** Il- Kumitat approva l-Minuti nem. con. li ġew iffirmati mis-Sindku u sussegwentement mil-ex-Agent Segretarju Eżekuttiv. Il-paġni kollha tal-Minuti ġew inizjalati wkoll minnhom.

## 2.0 Kommunikazzjoni mill-President

Komunikazzjoni

### 2.1 Mediterranean Development - European Economic Interest Group (EEIG)

Mediterranean Development - European Economic Interest Group (EEIG)

Il-President beda billi tkellem dwar laqgha li kienet ghada kemm sehhet filghodu dakinhar stess ma' rapprezentanti tal-*Mediterranean Development - European Economic Interest Group (EEIG)* - li johrog mill-Barcelona Treaty u l-kuntatt li jezizti mal-Perit Vincenzo Antoluciio (Ex Deputat Socjalista Taljan).

**2.1.1.** Waqt din il-laqgha t' informazzjoni, rapprezentant ta' dan il-grupp semma l-protocol li diga jezisti bejn Malta u Sqallija, liema protokol ghadu mhux sfruttat bizzejjed ghal skop ta' progetti transborder b' vetting ta' fondi mill-Unjoni Ewropeja f' diversi oqsma tas-socjeta'.
Issemmew il-beneficcji li r-Regjun Xlokk jista' jikseb minn din affiljazzjoni fosthom fil-qasam edukattiv, marittimu, kulturali, turistiku, gonna, u energija, izda specjalment fil-qasam socjali (zghazagh, social housing u issues relatati).

**2.1.2** Permezz ta' progetti ma' dan il-grupp, li l-fondi taghhom jinkisbu minn fond apposta, jinholoq aktar kummerc u xoghol ghar-Regjun tax-Xlokk, li l-promoturi ppreferew minn Regjuni ohra, minhabba li skond il-promoturi, f' dan ir-Regjun b' mod specjali, hemm diversi deprived areas, zoni industrijali u portijiet. Ir-Regjun ghalhekk ikun jista' jgawdi minn progetti minghajr ma' jinhargu flus mill-istess Kumitat Regjonali.

**2.1.3** Kulhadd qabel ma' dawn il-proposti izda gie suggerit li ghandha ssir ricerka fuq dan il-grupp u li r-rapprezentant tar-Regjun ghandu jkun il-President tar-Regjun bhala il-Vici President ta' dan il-grupp. Is-Sur Attard qal li ghandu jkun hemm kommunikazzjoni ma' Regjuni ohra fi Sqallija specjalment ma' Ragusa.

### 2.2 Rapprezentant tar-Regjun Xlokk fuq il-Working Group tal-Kummissarju tat-Tfal

Kummissarju tat-Tfal

Wara laqgha li saret bejn il-Kummissarju tat-Tfal mal-A. K. L. u ohrajn fil-5 t' Awissu 2010, u sussegwentement wara li ghaddiet korrispondenza, gie mitlub li kull Regjun ghandu jahtar rapprezentant fuq il-Working Group tal-Kummissarju tat-Tfal.

**2.2.1** Wara diskussjoni, l-President innomina lis-Sur Joseph Scerri (Sindku Bormla) bhala raprezentant ta' dan ir-Regjun, liema nomina giet ssekondata mis-Sur Joe Attard (Vici President).

**2.2.2** Bhala sostitut, is-Sur Mario Calleja (Sindku M' Scala) nnomina lil Dr Alexei Dingli (Sindku Belt Valletta), liema nomina giet ssekondata mis-Sur Anthony Valvo (Sindku Xghajra).

**2.3** **Inizjattiva Ambjentali biex ticcelebra gheluq l-20 sena hidma tal-kumpanija Vodafone – Memo 118/2010** Inizjattiva Ambjentali Vodafone

Saret referenza ghall-Memo Dipartimentali 118/2010 mibghuta fit-23 t'Awissu 2010 mibghuta lill-Kunsilli kollha.
Il-President heggeg li dawk prezenti biex jippartecipaw billi jipproponu progetti ambjentali. Minn kull Regjun, Kunsill wiehed kien ser jigi ppremjat is-somma ta' €4,000.

**2.4** **LES** LES

**2.4.1** Dawk prezenti gew mgharrfa mill-President dwar korrispondenza li ghaddiet fis-27 t' Awissu 2010 dwar id-Dokumenti tat- Tender ta' LES; kif ukoll dwar meeting li sar fil-31 t' Awissu 2010 ma' l-Authorised Officers tar-Regjun Xlokk.

Ghadu ghaddej il-process tal-prepeparazzjoni tat-Tender, li suppost dalwaqt johrog fuq bazi Regjonali u ghal kull Regjun. Dawk kollha prezenti gibdu l-attenzjoni u wrew preokkupazzjoni taghhom dwar dawk il-kuntratti li ser ikunu ghadhom *in vigore*.

**2.4.2** L-Authorised officers tar-Regjun kienu ghaddew informazzjoni dwar tenders attwali, liema nformazzjoni giet komunikata lil Kumitat Kongunt ghall-Infurzar tal-Ligi u Ordni Pubblika u lis-Sur Gatt fl-1 ta' Settembru 2010.
Sal-lum ma sar l-ebda feedback u/jew kommunikazzjoni lura.

Minn din is-sistema l-gdida proposta ser jigwadanja finanzjarjament ir-Regjun u kien hemm diversi rejazzjonijiet minn dawk prezenti.

Qabblu dwar ir-responsabilita u l-konsegwenzi li jgibu maghhom it-twaqqif ta' tenders li jkunu ghadhom *in vigore*.

**2.4.3** Giet spjegata is-sistema l-gdida ghat-thaddim tal-wardens u l-eco-wardens.

Is-Sur Joe Attard staqsa dwar in-numru ta' sieghat li ser jahdmu l-wardens f' kull kunsill minhabba li l-bzonnijiet u l-esigenzi tal-Kunsilli huma kollha differenti.
Fuq kollox staqsa, x' ser isir mill-flus li ser jingabru mir-Regjun minn din is-sistema ? Tenna li jista' jkun li s-sahha tar-Regjun tkun soda waqt li dik tal-Kunsilli tibda tonqos.

Dawk prezenti qabblu li kull Kunsill irid ikun jaf ezattament kif ser tithaddem is-sistema tal-wardens waqt li jenhtieg li kull Kunsill jiddikjara

in-numru ta' sieghat ta' Wardens li ghandu bzonn biex kollox jimxi sew.

2.4.4 Kulhadd qabel li dawn il-punti ghandom jigi ccarati **qabel** il-hrug attwali tat-tenders, bil-partecipazzjoni tas-Sindki kollha mal-Kumitat Kongunt ghall-Infurzar tal-Ligi u Ordni Pubblika.
Il-Kunsilli ma jistghux isegwu din is-sistema **qabel** ma jigu diskussi il-kundizzjonijiet, il-konsegwenzi u r-riperkussjonijiet li ser igibu maghhom il-hrug ta' dawn it-tenders. Kull Kunsill irid jiddiskuti il-bzonnijiet individwali tieghu u x' ser jigwadanjaw minn din is-sistema bhala Kunsill.

2.4.5. Dawk kollha prezenti hassew il-bzonn li tigi mghotija *overview* tas-sistema l-gdida specjalment il-mekkanizmu li ser tahdem bih, kemm fl-interess tar-Regjun kif ukoll tal-Kunsilli fi hdanu.

## 2.6 Ufficcju Amministrattiv tar-Regjun Xlokk

Ufficju Amministrattiv

Il-President informa lil dawk prezenti li s-Sur James Catania kellmu dwar l-issue ta' Ufficju Amministrattiv Regjonali. Infurmah li Dr Angele Vella, mid-Dipartiment, ghandha tkellmu dwar l-iffirmar tal-kuntratt.
Il-Vici-President, is-Sur Joe Attard, qal li Dr Vella zaret il-post fejn ghandu jkun l-ufficcju Regjonali izda qalet li ghad m' ghandha xejn fuq dan ir-rigward.

## 3 Affarijiet Finanzjarji

Finanzi

3.1 Dawk prezenti gew mgharrfa mill-President li d-Dipartiment ghadda lir-Regjun is-somma ta €10,000 ghall-ahhar kwart tas-sena.

Allokazzjoni ta' flus ghar-Regjun

3.2 L-Ex-Agent Segretarju Ezekuttiv tar-Regjun, Is-Sur Maurice L. Mallia, fis-26 t' Awissu 2010, pprezenta kont fl-ammont ta' €6478.22 bhala hlas tas-servizz li ta bhala Agent Segretarju Ezekuttiv ghar-Regjun Xlokk sakemm ihatret u bdiet tahdem is-Segretarja Ezekuttiva responsabbli ghal dan ir-Regjun.

Hlas lill-Agent Segretarju Ezekuttiv tar-Regjun

3.2.1 Dawk prezenti kollha qabblu li qabel isir dan il-hlas ghandu jigi stabbilit in-numru ta' sieghat li hu attwalment hadem f' din il-kariga u jithallas biss ta' dawn is-sieghat pro rata.

**4** **Affarijiet Ohra**

**4.1** Il-President ssugerixxa li ghanda titnieda kompetizzjoni biex jinholoq logo ghar-Regjun Xlokk. B' hekk ukoll, waqt li jigu ppubblikati r-regolamenti u linji gwida li jorbtu din il-kompetizzjoni, tkun qed issir promozzjoni u gharfien aktar dwar ir-Regjun Xlokk. Kompetizzjoni Logo ghar-Regjun

**5.0** **Għeluq tal-Laqgħa**

**5.1** Il-Laqgħa ntemmet fis-7.45pm.

**5.2** Il-Laqgħa li jmiss ser tinzamm nhar l-Erbgha, 13 t' Ottubru 2010 fis-6.00pm fil-boardroom tal-Kunsill Lokali ta' Hal-Tarxien.

| | |
|---|---|
| **Kav. P. Farrugia KLJ CMLJ** | **M L Lautier** |
| **President** | **Segretarja Ezekuttiva** |